# IL-QIMA LEJN IT-TBATIJIET FIŻIĊI TA’ KRISTU FL-ISPIRITWALITÀ FRANĠISKANA

Noel Muscat ofm

Il-moviment Franġiskan, mibdi minn San Franġisk t’Assisi (1182-1226), ta kontribut kbir lill-Knisja mis-seklu 13 ’il quddiem. Imwieled flimkien mal-moviment l-ieħor ta’ San Duminku Guzman (1170-1221), fundatur ta’ l-Ordni tal-Predikaturi, l-Ordni tal-Minuri kien strumentali fit-tixrid tal-messaġġ evanġeliku fil-Knisja bil-għatx għar-riforma taż-żmien tal-Konċilju Lateran IV (1215). Jekk il-Predikaturi twieldu biex jgħallmu bil-għerf teoloġiku u jeħduha kontra l-ereżija tal-Katari (Albiġiżi) fi Franza u l-Italja, il-Minuri twieldu biex jgħallmu bil-kelma sempliċi tagħhom minn fuq il-pulptu tal-misraħ fejn jiltaqa’ l-poplu. Il-metodu li użaw il-Franġiskani, għalkemm rahom ukoll jitilgħu fuq il-kattedra universitarja, qatt ma abbanduna li jolqot is-sentiment devozzjonali bħala għajnuna għal mixja ta’ fidi fil-misteru ta’ l-umanità ta’ Kristu. Jekk dan l-element kien diġà inbeda minn San Bernard ta’ Clairvaux u l-Ordni Ċisterċensi, kienu l-Franġiskani li wassluh fil-milja tiegħu, permezz tal-kelma u l-istil ta’ ħajja tagħhom.

Is-sekli 13-16 kienu żmien ta’ produzzjoni ta’ opri spiritwali, mistiċi u artistiċi li, mill-medjuevu, wasslu għall-umaneżimu u mbagħad għar-rinaxximent. Wieħed jista’ jgħid li Franġisk t’Assisi kien l-ewwel umanista. Kien hu li nissel imħabba lejn Kristu fl-umanità tiegħu, u li esprimiha fir-rispett lejn il-bnedmin u saħansitra lejn il-ħolqien. Franġisku hu l-qaddis mistiku tas-sbuħija ta’ Alla li tidher fil-passi tiegħu fil-ħolqien, imma li tikseb sens sħiħ fl-umanità ta’ Kristu, li hu l-kapolavur tal-proġett tal-ħolqien tal-Missier. Il-misteri ta’ l-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa huma, għal Franġisku, ktieb miftuħ fuq l-imħabba ta’ Alla li dehret fil-wiċċ ta’ Kristu tarbija f’Betleħem, trasfigurat fuq it-Tabor, jogħroq l-għaraq tad-demm fil-Ġetsemani, imbenġel bis-swat fil-flaġellazzjoni, inkurunat bix-xewk u mżeblaħ mis-suldati, imsallab fuq il-Kalvarju, irxuxtat u glorjuż quddiem il-Qabar vojt.

Ulied San Franġisk esprimew fil-ħajjiet qaddisa u l-kitbiet mistiċi tagħhom dawn l-aspetti. Mhux biss, imma naraw diversi Franġiskani li ipproduċew opri ta’ arti u letteratura li huma kollha ċentrati fuq il-figura ta’ Kristu-bniedem. L-iskop tagħna f’dan l-istudju hu li nuru wħud minn dawn il-qaddisin u mistiċi Franġiskani irġiel u nisa, l-aktar f’dak li huma kitbu u għexu rigward il-misteru tat-tbatija fiżika tal-Mulej Ġesù waqt il-Passjoni. Dan iservina bħala sfond biex nifhmu wkoll rappreżentazzjonijiet ikonografiċi ta’ Kristu msallab li huma frott ta’ meditazzjoni twila u qaddisa ta’ patrijiet Franġiskani. Għalkemm il-ħarsa tagħna se tieqaf fuq l-epoka tad-deheb tal-mistiċiżmu Franġiskan, fis-sekli 13-16, din trid timraħ aktar ’il hemm, biex naraw f’dan iż-żmien il-bażi ta’ dak li mbagħad Franġiskani artisti ipproduċew fl-era tal-barokk. Qed nirreferu espliċitament għall-produzzjonijiet skultorji ta’ fra Innocenzo u fra Umile da Petralia Soprana, li fis-seklu 17 tawna opri artistiċi li għadhom jitgawdew sallum f’diversi nħawi ta’ l-Italja u Sqallija, kif ukoll f’pajjiżna, u li jesprimu b’mod drammatiku l-*pathos* Franġiskan quddiem il-Passjoni ta’ Kristu.

**San Franġisk t'Assisi**

Id-devozzjoni lejn l-umanità ta' Ġesù hi l-karatteristika l-aktar magħrufa ta' l-ispiritwalità ta' San Franġisk. Il-bijografu tiegħu Tommaso da Celano jikteb: "Kien tassew dejjem ħaġa waħda ma' Ġesù: kien dejjem iġorr lil Ġesù f'qalbu, lil Ġesù f'fommu, lil Ġesù f'widnejh, lil Ġesù f'għajnejh, lil Ġesù f'idejh, lil Ġesù fil-kumplament tal-membri ta' ġismu."[1] L-umanità ta' Ġesù kienet tassew iċ-ċentru tal-ħsieb ta' Franġisku, u minn dan iċ-ċentru nistgħu nifhmu għaliex il-familja Franġiskana żviluppat spiritwalità kristoloġika ċentrata kollha kemm hi fuq l-esperjenza affettiva tal-misteru ta' l-inkarnazzjoni u tal-fidwa.[2] Hawnhekk mhux possibbli li nagħmlu studju profond ta' dan l-element ta' spiritwalità, imma se nindikaw biss xi siltiet mill-kitbiet u l-bijografiji ta' San Franġisk li joffrulna l-bażi ta' dak li sejrin niżviluppaw wara fit-teoloġija u l-mistika ta' persunaġġi li spikkaw fil-familja Franġiskana.

Meta jikteb lill-insara San Franġisk jiddeskrivi t-tbatijiet ta' Kristu fil-Ġetsemani: "Imbagħad talab lill-Missier u qal: *Missier, jekk jista' jkun, warrab minn dan il-kalċi. U l-għaraq tiegħu sarlu bħall-qtar tad-demm iċarċar sa l-art* (Lq 22,44). Imma hu reħa r-rieda tiegħu fir-rieda tal-Missier u qal: *Missier, ikun dak li trid int* (Mt 26,42) [...] Ir-rieda tal-Missier kienet din, li l-Iben tiegħu imbierek u glorjuż, li ġie mogħti lilna u li twieled għalina, joffri lilu nnifsu bid-demm tiegħu stess b'sagrifiċċju u vittma fuq l-altar tas-salib."[3]

Is-sensibilità ta' Franġisku lejn Kristu kienet iġġiegħlu saħansitra jirrispetta d-dud ta' l-art, għax Kristu fuq is-salib jiġi meqjus fl-Iskrittura bħallikieku dudu ta' l-art u mhux bniedem.[4]

Wieħed mill-isbaħ rakkonti tal-ħajja ta' San Franġisk, li hu prova tal-ħlewwa ta' mħabba li hu kien iħoss lejn Kristu fl-għarfien sensibbli tat-tbatijiet tiegħu, insibuh fil-*Memoriale in Desiderio Animae* ta' Tommaso da Celano (1246-1247):
"Meta Franġisku kien marid u mimli uġiegħ ma' ġismu kollu, wieħed mill-aħwa qallu: 'Missier, inti dejjem sibt faraġ fl-Iskrittura, u dejjem sibt fiha rimedju għat-tbatijiet tiegħek. Nitolbok, għaldaqstant, ħallini naqralek xi siltiet mill-profeti; forsi l-ispirtu tiegħek jifraħ fil-Mulej.' U l-qaddis wieġbu: 'Hi ħaġa tajba li wieħed jaqra x-xhieda ta' l-Iskrittura, u hi ħaġa tajba li fil-Kotba mqaddsa nfittxu lill-Mulej Alla tagħna. Imma jiena, ngħid għalija, tant jien midħla ta' l-Iskrittura, li issa għandi aktar

---

NOTI

[1]TOMMASO DA CELANO, *Vita Sancti Francisci,* 115, in *Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi,* Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta 2005, Vol. I, numru marġinali 306 [imqassar FSF 306].
[2] Għal studju eżawrjenti ta' l-ispiritwalità kristoloġika ta' S. Franġisk, cfr. NORBERT NGUYEN-VAN-KHANH, *The Teacher of His Heart. Jesus Christ in the Thought and Writings of St. Francis,* The Franciscan Institute, St. Bonaventure University, NY 1994.
[3] S. FRANĠISK, *Ittra lill-Insara II,* 8-11 [FSF 41].
[4]TOMMASO DA CELANO, *Vita Sancti Francisci,* 80 [FSF 271]: "Saħansitra lejn id-dud kien juri mħabba qawwija, għaliex fl-Iskrittura hekk kien jaqra dwar il-Feddej: *Jien dudu ta' l-art u mhux bniedem* (S 21,7). Għaldaqstant kien jieħu ħsieb li jiġborhom mit-triq u jqiegħedhom f'post ieħor, li ma jmorrux jgħaffġuhom il-bnedmin."

milli neħtieġ għall-meditazzjoni u r-riflessjoni tiegħi. Ibni, jiena ma għandix bżonn ta' aktar minn hekk, għaliex *jiena naf lil Kristu fqir u msallab* (1Kor 2,2)."[5]
Mil-laqgħa tiegħu mal-Kurċifiss ta' San Damiano fl-1206, sad-don ta' l-istimmati tal-Passjoni fuq La Verna fl-1224, il-ħajja ta' San Franġisk kienet immarkata definittivament mill-Passjoni ta' Kristu.

## Santa Klara t'Assisi

Klara, ix-"xitla ċkejkna" ta' San Franġisk, turi fil-kitbiet tagħha sensibilità għal kollox femminili li hi prova ta' l-għaqda mistika tagħha mal-misteri tal-ħajja umana ta' Kristu. Ukoll fil-każ ta' Santa Klara nistgħu nagħtu biss idea ħafifa ta' l-elementi affettivi fl-ispiritwalità kristoloġika tagħha, biex dawn iservu ta' bażi għat-teżi tagħna li hemm kontinwità loġika fil-ħsieb u fl-espressjonijiet letterarji u artistiċi ta' persunaġġi Franġiskani, li tibda proprju mill-ewlenin qaddisin tal-familja Franġiskana.

Lill-prinċipessa S. Agnese tal-Boemja (ta' Praga), Klara kitbitilha xi ittra mimlijin espressjonijiet mistiċi, li jirreferu b'mod partikulari għall-għaqda fiżika mal-ġisem ta' Kristu. Nagħti ftit eżempji:
"L-imħabba tiegħu tagħmlek kasta, it-tgħannieqa tiegħu tagħmlek aktar safja, u aktar ma tersaq lejh, aktar issir safja; aktar ma tagħmlu tiegħek, aktar titwettaq fil-verġinità."[6]

"Qis li Hu sar oġġett ta' disprezz [...] ħares lejn l-Għarus tiegħek, *l-isbaħ wieħed fost ulied il-bnedmin* (S 44,3) li biex isalvak sar l-aħħar wieħed fost il-bnedmin, immaqdar, imsawwat u midrub f'ġismu kollu, u miet fost l-eħrex tbatijiet fuq is-salib. Iffissa ħarstek fuqu, aħseb fuqu, u ikkontemplah, u xtieq b'ħerqa li ssir tixbħu."[7]
"Ħares in-naħa ta' fuq ta' din il-mera, u ara l-faqar ta' Dak li kien imqiegħed *f'maxtura u mfisqi fil-ħrieqi fqajrin* (cfr. Lq 2,12). O x'umiltà ta' l-għaġeb, u x'faqar li jgħaġġeb! Is-Sultan ta' l-Anġli, is-Sid tas-sema u ta' l-art, imqiegħed f'maxtura! Óares fin-nofs ta' din il-mera, u ara l-umiltà qaddisa u magħha l-faqar hieni, l-għejja u s-sofferenzi bla għadd li hu ġarrab biex jifdi l-ġens tal-bnedmin. U inti u tħares lejn in-naħa t'isfel tal-mera, sammar għajnejk fuq l-imħabba li ma titfissirx bil-kliem, imħabba li wasslitu biex jagħżel li jbati fuq l-għuda tas-salib, u jmut mewta l-iżjed mistkerrha."[8]

## San Bonaventura minn Bagnoregio

Id-Duttur Serafiku San Bonaventura (1217-1274), *magister* fl-Università ta' Pariġi u Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-Minuri (1257-1273), hu awtur ta' diversi opri spiritwali u mistiċi. B'mod partikulari hu magħruf għall-kristoċentriżmu tat-teoloġija

---

[5] TOMMASO DA CELANO, *Memoriale in Desiderio Animae*, 105 [FSF 823].
[6] S. KLARA, *I Ittra lil Agnese ta' Praga,* 8, in *Fonti għall-Ħajja ta' Santa Klara t'Assisi,* Sorijiet Klarissi – Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta 2006, numru marġinali 3 [imqassar FSK 3].
[7] S. KLARA, *II Ittra lil Agnese ta' Praga,* 19-20 [FSK 23].
[8] S. KLARA, *IV Ittra lil Agnese ta' Praga,* 19-23 [FSK 42].

tiegħu, u għaċ-ċentralità tal-misteri ta' l-umanità ta' Kristu, inkluża l-inkarnazzjoni u l-passjoni.[9]

Waħda mill-opri spiritwali u mistiċi ta' Bonaventura li titkellem dwar il-misteru tas-salib u l-passjoni hi intitolata *Lignum Vitae*. Fiha Bonaventura jagħmel meditazzjoni fuq il-ħajja ta' Ġesù fi tliet taqsimiet: *de mysterio originis, de mysterio passionis, de mysterio glorificationis*.[10]

Fit-tieni sezzjoni, dwar il-misteru tal-passjoni, ninnutaw xi siltiet li fihom Bonaventura juri devozzjoni partikulari lejn it-tbatijiet fiżiċi ta' Ġesù. Fil-paragrafu li jitkellem dwar l-agunija ta' Ġesù fil-Ġetsemani, Bonaventura jikteb: "Kemm il-qalb tal-Feddej kienet magħfusa bl-uġigħ, ikkawżat minn ħafna bnadi, jixhdu l-qtar ta' l-għaraq tad-demm li minn ġismu kollu ħareġ u xarrab l-art."[11] U lil Ġesù jgħidlu hekk: "Hekk int urejt b'sinjali ċari d-dgħufija naturali tal-ġisem, u minnhom nitgħallmu li int tabilħaqq *tgħabbejt bin-niket tagħna* (Iż 53,4) u ma kienx bla wġigħ li doqt il-qrusa tat-tbatijiet."[12]

Quddiem Pilatu Ġesù jsofri *ż-żeblieħ* tal-folla u tas-suldati, u b'mod partikulari Bonaventura jimmedita fuq il-flaġellazzjoni u l-inkurunazzjoni bix-xewk tal-Mulej: "Pilatu ta ordni aktar krudil biex Ġesù jidher imneżża' taħt il-ħarsa ta' dawk l-irġiel li riedu jwaqqgħuh għaċ-ċajt. U dawk l-argużini kiefra nfexxew isawwtu kemm jifilħu dak il-ġisem verġni u bla ebda tebgħa, iżidu pjaga fuq oħra. Id-demm għażiż ġera ma' ġenbejn dak il-ġisem qaddis u innoċenti taż-żagħżugħ kollu mħabba, u dan bla ma nstabet fih ebda ħtija, imqar l-iżgħar! [...] Wara li Pilatu ta l-ġudizzju tiegħu biex ix-xewqat tal-ħżiena jitwettqu, dawk is-suldati sagrilegi ma kienux kuntenti li jsallbu s-Salvatur, imma riedu li qabel xejn jimlewlu ruħu bl-imrar. Meta l-qtajja' tas-suldati nġabru fil-Pretorju, neżżgħu 'l Ġesù minn ħwejjġu, tefgħulu fuqu mantar aħmar skur u geżwruh bil-porpra; fuq rasu qiegħdulu kuruna tax-xewk, u f'idejh il-leminija tawh qasba. Biex jiżżuffjettaw bih kienu jinżlu għarkubbtejhom quddiemu, jagħtuh bil-ħarta u jobżqulu f'wiċċu u jsawwtuh bil-qasba fuq rasu mbierka! [...] Dan hu s-Sultan tiegħek u Alla tiegħek, magħdud *bħallikieku kien xi lebbruż u mhu meqjus xejn* (Iż 53,4)."[13]

Bonaventura jkompli l-*Via Crucis* tal-Mulej Ġesù bid-deskrizzjoni ħajja tat-tbatijiet tiegħu:

---

[9]ILIA DELIO, "The Role of the Crucified in Bonaventure's Doctrine of Mystical Union," in *Studia Mystica* 19 (1998) 8-20; *Crucified Love: Bonaventure's Mysticisim of the Crucified Christ,* (Franciscan Press), Quincy University, Illinois 1998; ZACHARY HAYES, *The Hidden Center. Spirituality and Speculative Christology in St. Bonaventure,* (Franciscan Pathways), The Franciscan Institute, St. Bonaventure University, NY 1992; NOEL MUSCAT, *Francis of Assisi and Bonaventure's Theology of the Cross,* "Franciscan Studies" section in web-site of the Maltese Franciscan Province: http://www.ofm.org.mt/fsc/F&C_in_Bonaven.pdf

[10] *San Bonaventura. Il-Ħajja ta' San Franġisk. Is-Siġra tal-Ħajja. Il-Mixja tar-Ruħ lejn Alla,* Traduzzjoni ĠUŜEPP B. XUEREB, Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta 1998.

[11] S. BONAVENTURA, *Lignum Vitae,* 18, in *Opere di S. Bonaventura.* Vol. XIII: *Opusculi Spirituali,* Città Nuova Editrice, Roma 1992, 230-231, Traduzzjoni ta' Ġ.B. Xuereb minn *San Bonaventura*, "Is-Siġra tal-Ħajja", 120.

[12] S. BONAVENTURA, *Lignum Vitae,* 18, *Opere S. Bonaventura,* XIII, 232-233, *San Bonaventura,* "Is-Siġra tal-Ħajja", 121.

[13] S. BONAVENTURA, *Lignum Vitae,* 24-25, *Opere S. Bonaventura,* XIII, 236-239, *San Bonaventura,* "Is-Siġra tal-Ħajja", 123.

"Meta fl-aħħar dawk il-ħżiena xebgħu jkażbru lis-Sultan l-aktar ġwejjed, mill-ġdid libbsulu ħwejjġu li ftit wara kellu jerġa' jiġi mċaħħad minnhom għal darb'oħra u, *mgħobbi bis-salib ħaduh lejn il-post imsejjaħ 'il-Qorriegħa'* (Ġw 19,17). Hemmhekk, neżżgħuh għeri, b'biċċa ċarruta mdawwra ma' qaddu, u tellgħuh bil-goff fuq il-għuda tas-salib. Ġebbduh 'il fuq u 'l isfel bħalma jagħmlu 'l xi biċċa ġilda, taqqbuh bil-ponot ta' l-imsiemer, waħħlu dawk l-idejn u r-riġlejn mas-salib u ġiegħluh isofri wġigħ kbir bil-feriti li għamlulu."[14]

Quddiem id-dehra tas-salib, Bonaventura jdur lejn il-Verġni Marija wieqfa taħt Binha Ġesù, u jgħidilha dawn il-kliem:
"Liema lsien jista' qatt ifisser jew liema moħħ jifhem, o Verġni qaddisa, il-kefrija tan-niket bla tarf tiegħek? Int kont hemm huma u jseħħu dawn il-ġrajjiet kollha li semmejna. Assistejt għalihom u b'kull mod li stajt ħadt sehem fihom. Dak il-ġisem imbierek u l-aktar qaddis, ġisem li int nissilt fik b'mod hekk safi, bl-akbar ħlewwa għajjixtu u sqejtu ħalibek. Spiss kont isserħu fi ħdanek u b'xufftejk tbusu fuq xufftejh, u tikkontemplah b'għajnejn ġismek. Issa kellek tarah imbiċċer bid-daqqiet tal-flaġelli, minfud bil-ponot iniggżu tax-xewk, imsawwat bil-qasba, mogħti bil-ħarta u l-ponnijiet, imsammar bl-imsiemer u mwaħħal ma' l-għuda tas-salib. Rajtu, imbagħad, jitqatta' u jiċċarrat b'kefrija mill-istess piż tiegħu, espost għal kull xorta ta' żufjett u fl-aħħar misqi l-ħall u l-morr [...] Omm l-aktar ħelwa tiegħu, kif is-sejf nifed il-fond ta' qalbek, meta b'għajnejn mimlija mħabba, hu ħares lejk wieqfa quddiemu u qallek dawn il-kelmiet: *Mara, hemm hu ibnek* (Ġw 19,26), biex ifarraġ lil ruħek fil-hemm tat-tiġrib tagħha mnikkta, għax kien jaf ben tajjeb li kienet minfuda bix-xabla tal-kompassjoni li kellek għalih b'mod aktar qalil milli kieku kont midruba f'ġismek stess."[15]

Wara li Bonaventura jiddeskrivi l-mewt ta' Kristu u l-qalb tiegħu minfuda minn lanza, billi jagħmel użu minn diversi siltiet evanġeliċi li jirrakkontaw dawn il-ġrajja, hu jagħtina paragrafu li jitkellem minn Ġesù maħsul minn demmu stess. Kliem li jolqtuna bħala ispirazzjoni ta' diversi rappreżentazzjonijiet sagri, u wkoll kemmxejn drammatiċi, tal-ġisem ta' Kristu fuq is-salib:
"Kristu l-Mulej kien maħsul f'demmu stess, demm li ħareġ bil-kwantità l-ewwel bħala għaraq, imbagħad bid-daqqiet tal-flaġelli, ix-xewk u l-imsiemer, u fl-aħħar bid-daqqa tal-lanza. Biex quddiem Alla l-fidwa tkun kotrana, libes il-libsa pontifikali l-ħamra."[16]

Wara li jitkellem mid-difna ta' Ġesù, Bonaventura jikkonkludi din is-sezzjoni tal-*Lignum Vitae* b'talba lil Kristu, li tesprimi l-kompassjoni (*compassio*) li l-qaddis mistiku jixtieq iħoss, biex hekk ikun jista' jbati flimkien ma' Kristu:
"O Alla tiegħi, twajjeb Ġesù, agħmel li, għad li ma jistħoqqlix, m'inix denn u lanqas ma mmeritajt li nieħu sehem bil-ġisem f'dawn il-ġrajjiet, x'ħin noqgħod naħseb fuqhom b'qalb sinċiera, inħoss għalik, Alla tiegħi li ssallabt għalija u minħabba fija,

[14] S. BONAVENTURA, *Lignum Vitae,* 26, *Opere S. Bonaventura,* XIII, 238-239, *San Bonaventura,* "Is-Siġra tal-Ħajja", 124.
[15] S. BONAVENTURA, *Lignum Vitae,* 28, *Opere S. Bonaventura,* XIII, 240-243, *San Bonaventura,* "Is-Siġra tal-Ħajja", 125-126.
[16] S. BONAVENTURA, *Lignum Vitae,* 31, *Opere S. Bonaventura,* XIII, 244-247, *San Bonaventura,* "Is-Siġra tal-Ħajja", 127.

sentimenti ta' mogħdrija bħalma ħassew Ommok bla ħtija u l-Maddalena niedma fis-siegħa tal-Passjoni tiegħek!"[17]

Fl-1259 Bonaventura, wara sentejn li kien ilu Ministru Ġeneral ta' l-Ordni, tela' fuq il-muntanja La Verna, l-post li fih fl-1224 San Franġisk kien irċieva l-istimmati tal-Passjoni ta' Kristu. Hu kien qiegħed ifittex paċi interjuri, u jagħmel esperjenza mistika, li hu sejħilha *speculatio pauperis in deserto* (il-kontemplazzjoni tal-fqir fid-deżert) fl-opra mistika li twieldet mill-pinna tiegħu waqt li kien fil-ħemda tal-kalvarju Franġiskan, jiġifieri l-*Itinerarium Mentis in Deum* (Il-Mixja tar-Ruħ f'Alla).[18] Il-kategorija teoloġika u mistika ta' *speculatio* (*contemplatio*) hi ċ-ċavetta biex nifhmu l-ħsieb mistiku tad-Duttur Serafiku, l-aktar meta jitkellem mis-*sapientia crucis* (għerf tas-salib) li kellu San Franġisk. Nagħtu daqqa ta' għajn għal xi siltiet minn din l-opra mistika, biex naraw kif Bonaventura kien iħares lejn l-esperjenza ta' San Franġisk bħala sinjal ta' devozzjoni awtentika u sensibbli lejn it-tbatijiet ta' Kristu, li Bonaventura jqisu bħala l-*Verbum Crucifixum* (il-Kelma Msallba).

Fil-prologu ta' l-*Itinerarium,* Bonaventura jwissi lill-qarrejja tiegħu b'dawn il-kelmiet: "Qabel xejn, għalhekk, nistieden lill-qarrej għall-krib tat-talb permezz ta' Kristu msallab li b'demmu nitnaddfu mill-ħmieġ ta' dnubietna. Hekk ma jiġrilux li jitqarraq u jaħseb li hu biżżejjed il-qari mingħajr l-unzjoni, il-ħsieb u r-riflessjoni mingħajr id-devozzjoni, it-tfittxija mingħajr l-istagħġib, l-osservazzjoni mingħajr il-ferħ, l-attività mingħajr it-tjieba, il-għarfien mingħajr l-imħabba, l-intelliġenza mingħajr l-umiltà, l-istudju mingħajr il-grazzja divina, ir-rifless bħal f'mera mingħajr l-għerf ispirat minn Alla."[19]

Bonaventura jiddeskrivi l-*Itinerarium* bħala vjaġġ jew mixja tar-ruħ f'Alla, permezz ta' sitt gradi jew tarġiet ta' tlugħ spiritwali, li jwasslu fis-seba' stat ta' unjoni mistika. Din l-istruttura ta' sitt tarġiet li jwasslu għas-seba' stat hi komuni fit-teoloġija mistika medjevali u San Bonaventura jagħmel użu minnha[20] biex iqiegħed fiċ-ċentru l-misteru tas-salib li ġie rivelat fil-ġisem stimmatizzat ta' San Franġisk. Għax fuq La Verna, San Franġisk kellu viżjoni ta' Serafin (anġlu b'sitt ġwienaħ) li f'nofsu kien hemm xbieha ta' Kurċifiss (Kristu li hu s-seba' stat ta' unjoni mistika):
"Dan kollu kien muri wkoll lil San Franġisk meta, maħtuf f'estasi ta' kontemplazzjoni fuq il-quċċata ta' muntanja għolja – fejn jien għarbilt f'moħħi kull ma ktibt – dehirlu Serafin b'sitt ġwienaħ imwaħħal ma' salib."[21]

---

[17] S. BONAVENTURA, *Lignum Vitae,* 32, *Opere S. Bonaventura,* XIII, 246-247, *San Bonaventura,* "Is-Siġra tal-Ħajja", 128.
[18] S. BONAVENTURA, *Itinerarium Mentis in Deum,* Prol: "Incipit speculatio pauperis in deserto", in *S. Bonaventurae Opera Omnia,* edita studio et cura PP. Collegii a S. Bonaventura, Ad Claras Aquas (Quaracchi) 1882-1902, Tomus V, 296.
[19] S. BONAVENTURA, *Itinerarium,* Prologus, in *Opera Omnia* V, 296: "Igitur ad gemitum orationis per Christum crucifixum, per cuius sanguinem purgamur a sordibus vitiorum, primum quidem lectorem invito, ne forte credat, quod sibi sufficiat lectio sine unctione, speculatio sine devotione, investigatio sine admiratione, circumspectio sine exsultatione, industria sine pietate, scientia sine caritate, intelligentia sine humilitate, studium absque divina gratia, speculum absque sapientia divinitus inspirata"; *S. Bonaventura,* "Il-Mixja tar-Ruħ lejn Alla", 142.
[20] JOSEPH RATZINGER [PAPA BENEDITTU XVI], *San Bonaventura. La Teologia della Storia,* Edizioni Porziuncola, Assisi 2008, 154-157. Din l-opra famuŻa ta' Ratzinger dehret għall-ewwel darba f'München, il-Ġermanja, fl-1959, bit-titlu *Die Geschicthtstheologie des heiligen Bonaventura*.
[21] S. BONAVENTURA, *Itinerarium*, VII,3, in *Opera Omnia* V, 312; *S. Bonaventura,* "Il-Mixja tar-Ruħ lejn Alla", 172..

Għal Bonaventura, l-esperjenza mistika hi waħda sensibbli, li fiha hu jieħu sehem fiżikament mhux biss fit-tbatijiet tal-Mulej Ġesù, imma saħansitra fil-misteru ta' l-Għid tal-passjoni, mewt u qawmien tiegħu. Dan jidher b'mod partikulari fis-seba' stat ta' l-*Itinerarium*, f'din is-silta li aħna nqisuha bħala l-quċċata ta' l-esperjenza mistika ta' Bonaventura f'din l-opra:

"Min idawwar ħarstu b'ħerqa lejn dan il-propizjatorju, u jiċċassa jħares lejh, imdendel mas-salib, bil-fidi, it-tama u l-imħabba, bid-devozzjoni, l-istagħġib, il-hena, il-qima, it-tifħir u l-għana ferrieħi: dan jiċċelebra miegħu tabilħaqq il-Għid, jiġifieri *l-mogħdija* (Eż 12,11): bil-ħatar tas-salib *jaqsam il-baħar l-aħmar* (Eż 14,16), mill-Eġittu jgħaddi għad-deżert fejn iduq *il-manna l-moħbija* (Eż 16,15; Apk 2,17), u ma' Kristu jistrieħ fil-qabar bħallikieku mejjet għad-dinja ta' barra, waqt li fl-intimu tiegħu jagħmel l-esperjenza, sakemm hu possibbli fil-qagħda tagħna li għadna fit-triq, ta' xi jfisser il-kliem li ntqal mis-salib lill-ħalliel li ngħaqad ma' Kristu: *Illum tkun miegħi fil-ġenna* (Lq 23,43)."[22]

## Jacopone da Todi, *Lauda "Donna de Paradiso"*

Jacopone (Jacovone), isem li l-poeta Franġiskan juża fil-*Lauda* 53, twieled f'Todi, l-Umbria, madwar is-sena 1230. Missieru kien jismu Benedettolo, u ħuh Angeluccio. Fl-1259 Jacopone kien diġà miżżewweġ, u kien prokuratur legali. Ma nafux kif ikkonverta għal ħajja reliġjuża, x'aktarx wara li safa' armel. Fl-1268 Jacopone iddeċieda li jingħata għal ħajja ta' penitenti bħala "bizocone" (fost il-"bizzocche"), meta kellu bejn wieħed u ieħor 38 sena. X'aktarx li kien marbut mat-Terz Ordni ta' San Frangisk, fejn għex għal 10 snin bħala penitenti. Fl-1278 daħal patri fl-Ordni tal-Minuri bħala fra lajk. Qatt ma wera simpatija lejn l-istudji u titli akkademiċi. Meta Jacopone daħal Franġiskan kienet faqqgħet il-kontroversja bejn l-Ordni u l-Papa rigward il-kwestjoni tal-faqar. Diversi patrijiet kienu bdew juru simpatiji "spiritwali", u riedu jgħixu l-ħajja Franġiskana b'mod aktar radikali, fosthom Pietro da Fossombrone (Angelo Clareno), Pietro da Macerata (fra Liberato) u Tommaso da Tolentino. Jacopone kien deċiżament jappoġġja lill-Ispiritwali kontra l-patrijiet tal-*Communitas Ordinis*, li kienu l-maġġoranza. Appoġġja lil Angelo Clareno, meta dan qala l-permess li jgħix maqtugħ mill-Ordni mill-Papa Celestino V (Pietro da Morrone), li fil-5 ta' Lulju 1294 waqqaf il-*Poveri Eremiti di Papa Celestino*. Għalhekk meta Celestino V abdika, u sar floku Bonifaċju VIII (1294-1303) li ħaqar bis-sħiħ lill-Ispiritwali, Jacopone kellu jsofri magħhom. Jacopone spiċċa skomunikata minn Bonifaċju VIII, li lanqas fis-sena tal-ġublew 1300 ma ħafirlu. Jacopone dam għal żmien magħluq fil-ħabs tal-kunvent ta' San Fortunato f'Todi, sa minn Ottubru 1298. Kien Benedittu XI li, wara li ġie elett fit-12 ta' Ottubru 1303, ħall il-ktajjen ta' Jacopone da Todi u ħafirlu l-iskomunika. Jacopone miet tliet snin wara, fil-25 ta' Diċembru 1306, fil-monasteru tal-Klarissi ta' Collazzone, fl-Umbria. Jacopone hu magħruf l-aktar għall-kompożizzjonijiet poetiċi tiegħu msejħin *Laude*, li fosthom ħa nġibu silta minn dik magħrufa bħala *Donna de paradiso*, u li turi l-biki

[22] S. BONAVENTURA, *Itinerarium*, VII,2 in *Opera Omnia* V, 312: "Ad quod propitiatorium qui aspicit plena conversione vultus, aspiciendo eum in cruce suspensum per fidem, spem et caritatem, devotionem, admirationem, exsultationem, appretiationem, laudem et iubilationem; pascha, hoc est transitum, cum eo facit, ut per virgam crucis transeat mare rubrum, ab Aegypto intrans desertum, ubi gustet manna absconditum, et cum Christo requiescat in tumulo quasi exterius mortuus, sentiens tamen, quantum possibile est secundum statum viae, quod in cruce dictum est latroni cohaerenti Christo: *Hodie mecum eris in paradiso*"; *Bonaventura*, "Il-Mixja tar-Ruħ lejn Alla", 172.

tal-Verġni Marija taħt is-salib, fuq l-istess stil tas-sekwenza liturġika *Stabat Mater*, attribwita wkoll lil Jacopone da Todi:

"Mara tas-sema, // ara ibnek inqabad // Ġesù Kristu l-imbierek.
Iġri mara u ara // n-nies jiddieħqu bih; // naħseb li se joqtluh // bis-swat li qed jagħtuh."
"Imma kif jista' jkun, // li hu li kien bla ħtija, // Kristu t-tama tiegħi, // marru biex jaħtfuh?"
"Madonna, ittradewh, // Ġuda mar ibiegħu; // qala' tletin biċċa tal-fidda, // u ġabar kemxa ġmielha".
"Ejj'għinni, Maddalena, // għax fuqi tqalet il-piena! // Kristu ibni qafluh // kif fuqu hemm miktub."
"Madonna, ara s-salib, // li lejh in-nies ikaxkruh, // li fuqu d-dawl veru // irid jiġi merfugħ."
"Mur iġri, omm imnikkta, // għax 'l ibnek qed ineżżgħuh; // in-nies tidher li tridu // imut mewta ta' martri."
"Intom li tneħħu ħwejjġu, // ħalluni nersaq nara, // il-ġrieħi kiefra tiegħu // maħsul kif inhu f'demmu."
"Mara, idejh issa ħadulu, // fuq is-salib firxulu; // b'musmar marru jtaqqbuha, // biex hekk iwaħħluh tajjeb.
Idu l-oħra wkoll jeħduha, // fuq is-salib jifirxuha, // l-uġieħ tal-biża joktor // u jaħraq daqs in-nar.
Mara, riġlejh firxulu, // fuq is-salib sammrulu; // il-ġogi tiegħu qalgħulu, // kull membru ċaqilqulu.
"Ja omm, għaliex tibkini? // Irridek illi tibqa', // biex taqdi lil dawk sħabi, // li jiena ħtaft mid-dinja."
"Ibni, le tgħidx hekk! // Għax jien irrid immut miegħek, // minn ħdejk jien ma rridx nitlaq // sa ma l-aħħar nifs int tieħu.
Jien miegħek irrid nindifen, // ja ibnek t'omm imnikkta, // omm u iben iridu jegħerqu // u jifggħu fl-istess turmenti!"
"Iben w omm flimkien imutu, // maħkuma fl-istess tbatija, // flimkien jibqgħu mħaddnin // l-omm u binha msallab!"[23]

## Margherita da Cortona

Din il-penitenti Franġiskana wieldet f'Laviano, nofs triq bejn Cortona u Montepulciano, fit-Toscana, fl-1247. Meta kienet għadha tifla ċkejkna tilfet lil ommha, u missierha, Tancredi Bartolomeo, reġa' żżewweġ mara li kienet taħqar lil Margherita. Ta' 16-il sena, fl-1263, ħarbet mid-dar u marret tgħix ma' ġuvni nobbli u sinjur minn Montepulciano, magħruf bl-isem ta' Arsenio. Għalkemm ir-relazzjoni tagħha ma' Arsenio ma kienetx waħda skond il-liġi ta' Alla, Margherita kienet tħobbu b'imħabba tal-ġenn, u l-familja taż-żagħżugħ laqgħetha fid-dar bil-qalb kollha. Il-konvivenza bejn Margherita u Arsenio wasslet ukoll biex, wara ftit snin, Margherita kellha tifel minn dan ir-raġel. Imma wara 9 snin li kienet ilha tgħix ma' Arsenio, Margherita kellha tgħaddi minn niket kbir. Jum minnhom, fl-1272, meta Arsenio kien ħareġ għall-kaċċa, il-kelb reġa' lura jinbaħ u kaxkar lil Margherita fil-post li fih sabet

[23] JACOPONE DA TODI, *Lauda IX: "Donna de Paradiso"*, in *Mistici Francescani. Secolo XIV*, Vol. II, Editrici Francescane, Milano 1997, 89-95.

liż-żagħżugħ ta' qalbha maqtul. Minn dak il-ħin Margherita biddlet ħajjitha. Óalliet il-familja ta' Arsenio u marret tgħix f'Cortona taħt it-tmexxija spiritwali tal-Franġiskani. Fl-1275 irċeviet l-abitu ta' l-Ordni tal-Penitenti Franġiskani (Terz'Ordni). Fl-1288 irtirat għaliha waħedha f'ċella fuq l-għolja li tħares fuq Cortona, ħdejn ir-Rocca, maġenb il-kappella ta' San Bażilju, fejn hi ingħalqet għall-aħħar snin ta' ħajjitha f'penitenza kbira. Sadanittant kienet waqqfet il-"casa di misericordia", sptar f'Cortona, li fih kienet tikkura, bl-għajnuna ta' membri ta' konfraternità, l-foqra, l-morda, u l-aktar l-ommijiet u t-tfal. Jingħad li fit-2 ta' Frar 1289 żar lil Margherita l-poeta Dante Alighieri. Margherita mietet fit-22 ta' Frar 1297, assistita mill-Franġiskan fra Giunta Bevegnati, li kiteb il-*Legenda* tagħha.[24] Margherita ġiet beatifikata mill-Papa Ljun X fl-1516 u kanonizzata mill-Papa Benedittu XIII fis-16 ta' Mejju 1728.

Fost id-diversi episodji li fihom Margherita daħlet f'estasi fil-meditazzjoni tat-tbatijiet fiżiċi ta' Ġesù waqt il-passjoni tiegħu, inġibu dawn il-kliem li hi semgħet lil Ġesù jgħidilha:
"Xandar li jiena fi tbatijieti għoroqt l-għaraq tad-demm quddiem il-biża tal-passjoni [...] li jiena ġejt ittradut b'bewsa u rċevejt daqqiet ta' ħarta; u mbagħad rabtuni, qattgħuli xagħari, għattewli wiċċi b'velu u żebilħuni [...] Għajjat li jiena ġejt imneżża', flaġellat, ilqajt daqqiet ta' ħarta u ta' ponn, ksewni bil-bżieq ta' rġiel ta' qattagħni. Ippriedka l-imrar tas-salib, il-kuruna tax-xewk, id-daqqiet bil-kanna [...] Ippriedka kif refgħuni fuq salib, li sibt ruħi f'nofs il-ħallelin, li sofrejt il-ħruxija ta' l-imsiemer li taqqbuli riġlejja u jdejja rotob. Ippriedka kif jiena ħfirt lil dawk li sallbuni, kif ilqajt lill-ħalliel niedem, u kif fdajt lid-dixxiplu Ġwanni f'idejn il-Verġni Ommi. Ippriedka kif qalbi nixfet ġewwa fija, minħabba t-tbatijiet li kelli nsofri, u li lill-Mulej bil-għatx sqewh il-ħall u l-mirra. Għajjat u tbekka xħin tara kif fuq is-sodda tas-salib rasi kienet imtaqqba bix-xewk u kollha minfuħa bit-tbenġil, hekk li lanqas stajt inċaqlaqha. Ippriedka kif, wara li fdajt ruħi f'idejn il-Missier, jiena mejjilt rasi fuq sidri u intlaqt bla ħajja fuq is-salib, fil-preżenza ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħi. Għajjat li, wara li jiena ħadt l-aħħar nifs, irġiel bla ħniena u mill-aktar kiefra fetħuli sidri b'daqqa ta' lanza, u li minnu nixxa demm u ilma għall-fidwa tiegħek."[25]

Waħda mill-aktar esperjenzi mistiċi li ħallew marka fil-ħajja ta' Margherita da Cortona kienet dik meta l-Kurċifiss ta' l-1200, li quddiemu hi kienet soltu tieqaf f'kontemplazzjoni, u li għadu mħares sallum f'Cortona, sejħilha bl-isem ta' "Binti". Dan il-kliem daħħalha f'estasi ta' hena. Minn dak il-ħin, il-ħsieb ta' l-imħabba tal-Kurċifiss, il-ħerqa li titkellem miegħu, il-kontemplazzjoni tal-Passjoni tiegħu, saru għaliha turment u fl-istess ħin hena għal ruħha. Għodwa minnhom, Margherita marret fil-knisja tal-Franġiskani ta' Cortona, biex hemm issir "mentalment kurċifissa" quddiem is-salib. Hekk ġara: mis-siegħa tat-terza, wara l-quddiesa konventwali, sa nżul ix-xemx, hi baqgħet iċċassata, quddiem folla nies li ratha, u kienet tidher li qed issofri tbatijiet kbar f'ġisimha, sa ma dehret li donnha se tħalli l-ħajja u tmut. "Fis-siegħa tan-nona, li fiha l-Mulej kien reħa l-ispirtu tiegħu, hi mejlet rasha ħelu ħelu fuq sidirha, hekk li kulħadd beda jaħseb li kienet mietet, għaliex ma kienet turi l-ebda

---

[24] FRA GIUNTA BEVEGNATI, *Santa Margherita da Cortona. Vita – colloqui – miracoli,* Edizioni Porziuncola, Assisi 2003.
[25] FRA GIUNTA BEVIGNATI, *Santa Margherita da Cortona,* V,13: Margherita medita la Passione di Cristo, 84-85.

sensibilità ta' ċaqlieq fiżiku".[26] Darba oħra, nhar il-Ġimgħa l-Kbira, hi ħarġet miċċella tagħha u bdiet tiġġerra mat-toroq ta' Cortona u mal-knejjes tgħajjat u tixher bħal omm li tilfet lil binha, hekk li kellhom iżommuha l-patrijiet meta daħlet fil-knisja. Jekk dan kien ġenn, kien ġenn ta' mħabba. Margherita kienet tesperimenta fl-istess ġisem tagħha dak li l-misteri sagri medjevali kienu jirrappreżentaw fil-kant tal-*laudesi*, speċjalment fil-bikja tal-Verġni Marija li kiteb il-kontemporanju fra Jacopone da Todi.

## Angela da Foligno

Angela twieldet fil-belt ta' Foligno, mhux bogħod minn Assisi, fl-1248. Il-konverżjoni tagħha bdiet madwar l-1285, meta darba minnhom żaret il-bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. Hemmhekk għamlet qrara ġenerali u ħassitha maħfura mid-dnubiet ta' l-imgħoddi bl-interċessjoni ta' San Franġisk. Kien f'Assisi li Angela ltaqgħet ma' fra A. (Arnaldo), li kien kappillan ta' l-isqof u kien jiġi minnha, u li aktar tard kellu jikteb il-*Memoriale* jew *Liber* mill-esperjenzi mistiċi tagħha, barra li kien direttur spiritwali ta' Angela. Minn dak il-ħin Angela bdiet tgħix ħajja ta' penitenza, ta' kastità, u ta' meditazzjoni profonda u umli tat-tbatijiet ta' Kristu fil-Passjoni. Wara li tilfet lil ommha, lil żewġha u lil uliedha, marret pellegrinaġġ Ruma. Lura f'Assisi, fl-1291, Angela daħlet fl-Ordni tal-Penitenza ta' San Franġisk, u ipprofessat ir-Regola li l-Papa Nicolò IV kien ta lill-penitenti Franġiskani fit-18 ta' Awissu 1289 bil-bulla *Supra montem*. F'dan il-perjodu fra A. beda jikteb ir-rivelazzjonijiet mistiċi tagħha, li hi kienet tesprimi bid-djalett ta' l-Umbria u li hu kien jikkupjahom fedelment bil-Latin. Il-parti ewlenija tal-*Liber* tirrakkonta l-ġrajja tal-konverżjoni ta' Angela sa l-1296. It-tieni taqsima fiha ġabra ta' kitbiet, li jissejjħu *Istruzioni*, li jinkludu esperjenzi mistiċi, ittri, u diskorsi. Fl-1289 Angela kienet iltaqgħet ma' l-Ispiritwali Franġiskan fra Ubertino da Casale. Angela mietet fl-4 ta' Jannar 1309 fil-belt ta' Foligno.

"Waqt li kont qed nishar fit-talb, Kristu wera ruħu lili fuq is-salib b'mod aktar jiddi mis-soltu [jew aħjar, tani għarfien aktar ċar tiegħu nnifsu]. Hu stedinni biex nersaq lejh u nqiegħed xufftejja fuq il-pjaga tal-kustat tiegħu. Deherli li kont qed nara u nixrob dak id-demm li kien inixxi minn dik il-ġerħa, u f'dak il-waqt Hu fehemni li kien qiegħed iħallini nagħmel hekk biex isaffini. Kien għalhekk li bdejt inħoss ferħ kbir, minkejja li kont imnikkta minħabba li kont qed nimmedita l-passjoni tiegħu, u bdejt nitolbu biex jiena nxerred demmi kollu għall-imħabba tiegħu, kif Hu kien għamel għalija. Għall-imħabba tiegħu kont nixtieq li l-membri kollha ta' ġismi jsofru mewt diversa minn dik tiegħu, jiġifieri aktar ta' min jistmerrha u, kieku sibt min joqtolni minħabba l-fidi tiegħi fi Kristu u mħabbti lejh, kont nitolbu biex isallabni ma' rdum, mhux bħal Kristu, li sallbuh ma' għuda, jew li joqtolni x'imkien jew fuq xi ħaġa mill-aktar mistkerrħa, u li ma jħallix li mmut bħall-qaddisin, għaliex jiena ma kienx jistħoqqli, imma li mmut b'mod li jkexkex u bil-mod il-mod."[27]

"Ħares u ara kif l-Awtur ta' kull ħajja, għalik biss, o bniedem, tant baxxa lilu nnifsu biex jgħollik, li saħansitra ħalla ħwejjeġ mhux sensibbli jsawwtuh u jaħqruh, u Hu, li hu għal kollox bla tarf, inżamm marbut. Hu ta lil velu l-qawwa li jgħattilu wiċċu, Hu

[26] FRA GIUNTA BEVIGNATI, *Santa Margheria da Cortona,* V,3: Margherita medita la Passione di Cristo, 72.
[27]ANGELA DA FOLIGNO, *Il Libro,* cap. I, in *Mistici Francescani*, II, 219-220.

li hu d-dawl veru u li mingħajru kollox hu dlam; Hu ta lill-frosta l-qawwa li tifflaġellah; lill-imsiemer il-qawwa li jtaqqbu u jinfdu lil idejh u lil riġlejh l-aktar divini, u li huma ta' Dak li ħoloq kollox. Ta l-qawwa lil dik il-forka li hu s-salib biex iwieżen lill-Ħallieq u l-Mulej tiegħu, kollu miksi bid-demm u minfud bil-ġrieħi; lill-isponża, lill-ħall u lill-mirra u ħwejjeġ oħrajn materjali tahom il-qawwa li jkunu mezzi ta' insult lill-Ħallieq tagħhom u jaħkmu fuqu. Fl-aħħarnett, lil-lanza hu taha l-qawwa li ċċarrat u tiftaħ il-kustat divin tiegħu."[28]

## Ubertino da Casale

Ubertino twieled f'Casale Monferrato fl-1259. Daħal Franġiskan f'Genova madwar is-sena 1273. Bejn l-1285 u l-1289 studja fit-Toscana, fejn iltaqa' mat-teologu Franġiskan Pierre Jean Olieu (Olivi) fli *studium* tal-Minuri ta' Santa Croce ġo Firenze. Kien jaf ukoll il-mistika Margherita da Cortona, u fi Greccio fil-25 ta' Lulju 1285 iltaqa' ma' Giovanni da Parma, ex-ministru ġeneral ta' l-Ordni u bniedem ta' qdusija kbira. Bejn l-1289 u l-1298 studja f'Pariġi. Lura fl-Italja ltaqa' mal-mistika Franġiskana Angela da Foligno. Fis-snin 1298-1302 għallem f'Santa Croce ġo Firenze. Minħabba t-tendenzi tiegħu favur l-Ispiritwali, l-Papa Benedittu XI waqqfu mit-tagħlim fl-1304. Ubertino irtira fuq il-muntanja La Verna, fejn fl-1305 ikkompona l-opra prinċipali tiegħu, bit-titlu *Arbor Vitae Crucifixae Iesu*. Il-kumplament ta' ħajtu għexha fit-taqlib li qam bejn il-Papa u l-Ordni tal-Minuri. Fl-1309 kien f'Avignon biex jiddefendi l-Ordni tiegħu, protett mill-kardinal Napoleone Orsini. Fl-1317 Ubertino kellu jirtira fl-Ordni Benedittin biex jaħrab il-qilla ta' persekuzzjoni kontrih. Fl-1319 frate Buonagrazia da Bergamo akkużah b'ereżija quddiem il-Papa Ġwanni XXII, u ġie magħluq il-ħabs. Imma fl-1352 ħarab minn Avignon. L-aħħar darba li jidher fix-xena kien fl-1328, favur l-imperatur Ludwig tal-Bavarja, kontra l-Papa Ġwanni XXII. Wara din id-data ħadd ma jaf x'sar minnu.

Il-kapolavur ta' Ubertino hu t-trattat *Arbor Vitae Crucifixae Iesu,* li hu magħmul minn ħames kotba b'101 kapitli. Dan hu meditazzjoni dwar id-diversi mumenti tal-ħajja ta' Ġesù. Lilna jinteressana r-raba' ktieb, li jitkellem dwar il-Passjoni b'toni ta' kompassjoni mistika lejn it-tbatijiet fiżiċi tal-Mulej Ġesù.

"Min ma jħarisx, mingħajr ma jħoss għafsa tal-qalb, lejn dawk l-għejjun fl-idejn u fir-riġlejn ta' Ġesù, li minnhom inixxi demm divin. Ġesù kienu ċarrtulu jdejħ u riġlejh għall-imħabba tagħna. Min ma jarax fihom miftuħin il-katarretti tas-sema, biex hekk dilluvju ta' grazzja jgħerreq il-kburija tagħna u joħnoq is-senswalità tagħna. Dan għaliex ġismu kien imniggeż mix-xewk, ġismu kien imbenġel bis-swat, idejh u riġlejh kienu mtaqqbin bl-imsiemer, u barra dan il-membri l-oħrajn kollha u ċ-ċelluli ta' ġismu kienu maħsulin bl-għaraq u d-demm. Tabilħaqq, Ġesù jidher donnu se jinħall għal kollox għax qiegħed ixerred demmu kollu."[29]

## Giovanni de Caulibus da San Gimignano

[28] ANGELA DA FOLIGNO, *Il Libro,* Istruzione XXII, in *Mistici Francescani,* II, 216-217.
[29] UBERTINO DA CASALE, *Arbor Vitae Crucifixae Iesu,* IV,5, in *Mistici Francescani,* II, 656-657.

Giovanni de Caulibus († c.1335) hu l-awtur tal-*Meditationes Vitae Christi*, wieħed mit-testi l-aktar famużi ta' l-axxetika u l-mistika medjevali. Hu jesprimi dik il-klima spiritwali tad-*Devotio moderna* li kienet karatteristika ta' l-ispiritwalità ewropea, l-aktar fl-Olanda, fl-ewwel nofs tas-seklu 14. L-opra tant kienet magħrufa li kien hemm min kien jattribwiha lil San Bonaventura. Giovanni de Caulibus kien mill-belt ta' San Gimignano fit-Toscana. Bartolomeo da Pisa, li kiteb bejn l-1385 u l-1390 il-famuż *De Conformitate Vitae* dwar ix-xebħ bejn Kristu u San Franġisk, jgħid li "t-trattat tal-meditazzjonijiet fuq l-Evanġelji kitbu fra Giovanni de Caulibus minn San Gimignano."[30] Giovanni de Caulibus kien Franġiskan mit-Toscana, li għex San Gimignano, qrib Siena. Billi l-opra fil-prologu tagħha ssemmi kemm il-*Legenda Sanctae Clarae* (1255) u l-*Legenda Maior Sancti Francisci* ta' San Bonaventura (1260), irridu nqiegħdu f'dawn is-snin il-kompożizzjoni tagħha. Tikkwota wkoll il-*Legenda Aurea* ta' Giacomo da Varazze (†1298). L-iskop tal-*Meditationes vitae Christi* hu purament spiritwali u deskrittiv, jekk mhux ukoll kontemplattiv. L-awtur jimmedita fuq ir-rakkonti evanġeliċi mill-Inkarnazzjoni sa l-Axxensjoni u l-Pentekoste. Aħna se nieqfu fuq xi siltiet li jirrigwardaw it-tbatijiet tal-Passjoni li sofra Kristu.

Fil-ġnien tal-Ġetsemani, waqt li Ġesù "jagħmel din it-talba twila, id-demm l-aktar qaddis tiegħu, minħabba t-tensjoni mimlija biża' li ħass, beda ħiereġ mill-pori ta' ġismu daqslikieku kien għaraq, u beda jixtered ma' l-art bil-kotra."[31]

Pilatu "jordna li jiġi flaġellat. U Ġesù jiġi mneżżа', marbut ma' kolonna u flaġellat bla ħniena. Arah hemm bilwieqfa, għeri quddiem kulħadd, żagħżugħ b'ġisem armonjuż u riservat, hu, l-isbaħ wieħed fost ulied il-bnedmin. Dak ġismu innoċenti, delikat, pur u sabiħ, jiġi issa mmarkat b'daqqiet vjolenti u jaqtgħu ta' frosta minn dawk in-nies ta' qattagħni. L-isbaħ warda fost il-bnedmin kollha jiġi miksi bi tbenġil u ġerħat. Kull parti ta' ġismu tnixxi minnha demm ħaj. Is-swat jinżel fuqu bla ħniena; tbenġila ġġib tbenġila oħra, ġerħa tkabbar ġerħa oħra [...] Imbagħad ħadu mantell ta' ħarir aħmar u xeħtuhulu fuqu, u inkurunawh b'kuruna tax-xewk. Ġesù jħallihom ilibbsuh bil-porpra, fuq rasu jġib dik il-kuruna tax-xewk, u f'idu jżomm il-kanna; u filwaqt li dawk isellmulu bħala sultan u jmilu għarkobbtejhom quddiemu, hu ma jiftaħx ħalqu. Hu dehra ta' sabar u skiet. Għaliex dak ix-xewk l-aktar iniggeż jinfidlu rasu u d-demm jibda nieżel u jaħsel ġismu kollu [...] U dawk l-irġiel ta' qattagħni ma kienx biżżejjed għalihom li ġabru madwaru truppa sħiħa ta' suldati biex iżebilħuh; jerġgħu joħorġuh barra, quddiem Pilatu biex hekk in-nies kollha jwaqqgħuh għaż-żufjett, lil dan il-bniedem bil-kuruna tax-xewk u l-libsa tal-porpra."[32]

"Meta reġgħu libbsuh ħaduh 'il barra biex hekk jarawh imut malajr. Għabbewlu fuq spallejh l-għuda venerabbli tas-salib, tavla twila, ħoxna u mill-aktar tqila. Hu, Óaruf ġwejjed, refagħha u ġarrha bis-sabar kollu [...] Ara kif Kristu jimxi mgħawweġ ganċ taħt is-salib u jilgħeġ biex jieħu n-nifs! Ommu, mifnija bin-niket, minħabba l-folla lanqas tista' tersaq lejh u lanqas jirnexxielha tarah."[33]

---

[30] BARTOLOMEO DA PISA, *De Conformitate vitae S. Francisci ad vitam Domini Iesu,* in *Analecta Franciscana* IV, 341, 518.
[31] GIOVANNI DE CAULIBUS, *Meditationes Vitae Christi,* 74, in *Mistici Francescani,* II, 918.
[32] GIOVANNI DE CAULIBUS, *Meditationes Vitae Christi*, 78, in *Mistici Francescani* II, 924-925.
[33]GIOVANNI DE CAULIBUS, *Meditationes Vitae Christi*, 78, in *Mistici Francescani* II, 926.

Giovanni de Caulibus imbagħad ikompli jiddeskrivi l-mod krudil kif sallbu lil Ġesù. "Hemm min jaħseb li użaw sistema oħra biex sallbuh: jiġifieri li huma sammruh mas-salib billi middewh ma' l-art u mbagħad għollewh wieqaf. Araħ imsallab, il-Mulej Ġesù, u hekk minxur fuq is-salib li nistgħu ngħoddu għadmu kollu [...] Minn dawk il-feriti kbar neżlin gliegel ta' demm imqaddes ma' ġismu kollu. Tant hu mwaħħal tajjeb ma' l-għuda li ma jistax jiċċaqlaq ħlief rasu biss. Dawk it-tliet imsiemer iġorru fuqhom it-toqol tal-ġisem kollu, u t-tbatijiet li jħoss Ġesù huma tal-biża', ma tistax tiddeskrivihom jew timmaġinahom."[34]

Il-mistiku Franġiskan jiddeskrivi mbagħad lil dawk li kienu maġenb is-salib ta' Ġesù, u jagħtina s-seba' kelmiet li tenna Ġesù msallab, li jirreferu għalihom l-Evanġelji: (1) "Missier aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" [Lq 23,34]; (2) "Mara, hawn hu ibnek. Hawn hi ommok" [Ġw 19,26-27]; (3) "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-ġenna miegħi" [Lq 23,43]; (4) "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" [Mt 27,46]; (5) "Għandi l-għatx" [Ġw 19,28]; (6) "Kollox hu mitmum" [Ġw 19,30]; (7) "Missier, f'idejk jien neħi ruħi" [Lq 23,46].

Jiddeskrivi wkoll il-mewt ta' Ġesù: "Minn dak il-mument Ġesù jintfewlu għajnejh bħalma jiġrilu min ikun qed imut. Jibda jiftaħhom u jagħlaqhom. Rasu tibda taqagħlu issa 'l hawn u issa 'l hemm, mingħajr l-ebda forza ta' xejn. Fl-aħħarnett jagħti l-aħħar għajta bin-nifs li kien fadallu [...] Wara din il-kelma jmejjel rasu u jrodd ruħu."[35]

Meditazzjonijiet li ċertament jinsabu fil-bażi tar-rappreżentazzjonijiet ikonografiċi li aħna mdorrijin naraw fil-knejjes tagħna, u li fl-era tal-barokk jilħqu ċerta drammatiċità. L-opra ta' Giovanni de Caulibus kienet hekk imferrxa li ma nistagħġbux jekk artisti Franġiskani li ħadmu Kurċifissi bħal dawk ta' Innocenzo u Umile da Petralia kienux imantnu l-meditazzjoni tagħhom tal-Passjoni minn kitbiet mistiċi bħal din li għadna kemm rajna.

### Colette (Koleta) minn Corbie

Figura ta' Klarissa riformatriċi kbira tat-Tieni Ordni Franġiskan, Colette (Nicolette Boyler) twieldet f'Corbie, fil-Piccardy, fit-13 ta' Jannar 1381, u trabbiet ġo familja profondament kristjana. Kienet tissaħħar bil-liturġija tal-Benedittini ta' raħal twelidha. Fis-17 ta' Settembru 1402, fuq parir tal-Franġiskan Osservanti P. Pinet, libset l-abitu tat-Terz'Ordni ta' San Franġisk u bdiet ħajja ta' *reclusa* (penitenti maqfula f'ċella), maġenb il-knisja ta' San Stiefnu f'Corbie. Hemm damet maqfula għal erba' snin. Il-laqgħa tagħha mal-Franġiskan Henry de Baume qanqlet fiha rieda sħiħa għal rinnovament tal-ħajja Franġiskana. Fl-14 ta' Ottubru 1406 marret Nizza tiltaqa' mal-Papa Benedittu XIII, li daħħalha fl-Ordni ta' Santa Klara. Marret lura Corbie bil-pjan li hemm twaqqaf monasteru, imma l-pjan falla. Henry de Baume offrielha l-monasteru tal-Klarissi Urbanisti ta' Besanċon, fejn bdiet ir-riforma hekk imsejħa "kolettina" tal-monasteri tal-Klarissi. Għaddiet ħajjitha kollha tirriforma l-monasteri tal-Klarissi, sa ma mietet f'Gand fis-6 ta' Marzu 1447. Ir-riforma tagħha kienet waħda *sub ministris*, jiġifieri marbuta mal-Ministri Ġenerali ta' l-Ordni tal-

[34] GIOVANNI DE CAULIBUS, *Meditationes Vitae Christi*, 79, in *Mistici Francescani* II, 929-930.
[35] GIOVANNI DE CAULIBUS, *Meditationes Vitae Christi*, 79, in *Mistici Francescani* II, 930-931.

Minuri, li dik il-ħabta kienu mill-familja Konventwali, b'differenza mir-riformi tal-Klarissi *sub vicariis*, bil-ħidma ta' San Ġwann minn Capestrano, li kienu jiddependu mill-Vigarji Ġenerali, li kienu mill-familja Osservanti.

Colette kienet mara mistika, għalkemm ħadmet ħafna wkoll biex tirriforma l-monasteri. Kellha kapaċità ta' l-għaġeb li tgħaddi mill-kontemplazzjoni għall-azzjoni, mingħajr qatt ma titlef is-sens ta' ġabra interjuri tagħha, ukoll hi u tivvjaġġa. Fost il-kitbiet tagħha, li jinkludu ittri, ammonizzjonijiet, kostituzzjonijiet u testment, għażilna din is-silta dwar il-mistika tagħha marbuta mal-Passjoni ta' Kristu:
"Wara li niċħdu lilna nfusna fl-ubbidjenza totali, il-Mulej tagħna jrid li ta' kuljum inġorru s-salib tagħna; dan hu l-wiċċ veru tal-Faqar imqaddes: is-salib tqil li ma jrid li jkollu xejn tiegħu taħt is-sema, ħlief lil Dak li waħdu ġarr is-salib fuq spallejh u li fuq is-salib ried li jmut imtaqqab mill-imsiemer, inkurunat bix-xewk, miksi bil-bżieq, imbenġel u minfud fil-kustat."[36]

## Caterina Vigri da Bologna

Santa Caterina Vigri (1413-1463), magħrufa bħala Caterina da Bologna, twieldet f'din il-belt fit-8 ta' Settembru 1413. Meta kienet għadha tifla ħaduha fil-palazz tal-familja Este ta' Ferrara. Fl-1426 ħalliet il-palazz, u flimkien ma' xi verġni oħrajn u taħt it-tmexxija tal-Franġiskani waqqfet il-monasteru tal-Klarissi magħruf bħala "Corpus Domini", li ġie approvat mill-Papa fl-1435, u daħal mall-ewwel fir-riforma ta' l-Osservanza Franġiskana. Damet f'dan il-monasteru sa l-1456, meta l-patrijiet talbuha tmur f'Bologna, biex hemm ukoll twaqqaf monasteru ieħor tal-"Corpus Domini". Hawnhekk hi kienet abbadessa sa jum mewtha, fid-9 ta' Marzu 1463. Ġisimha baqa' mirakolożament inkorrott, u sallum wieħed għadu jista' jarah bilqiegħda fil-kappella li ġiet mibnija fl-1523-29 għall-venerazzjoni tagħha. Caterina ġiet kanonizzata mill-Papa Klement XI fit-22 ta' Mejju 1712.

Caterina kienet midħla tal-kitbiet ta' mistiċi Franġiskani kbar, bħal San Bonaventura, Angela da Foligno, Margherita da Cortona, u kienet taf personalment lil San Bernardin minn Siena, ir-riformatur kbir ta' l-Ordni tal-Minuri permezz tal-moviment ta' l-Osservanza. Ġo Ferrara x'aktarx li kienet semgħet il-predikazzjoni tiegħu u ta' qaddisin oħrajn kbar ta' l-Osservanza, bħalma kienu Giacomo della Marca u Alberto da Sarteano. Hi awtriċi ta' opri mistiċi ta' valur għoli, bħalma huma *Le Armi necessarie alla battaglia spirituale* u *I Dodici Giardini*. Kienet frott ta' żmienha, bħala umanista li esprimiet id-devozzjoni tagħha wkoll f'xi pitturi li ħalliet u li għadhom jitgawdew fil-monasteru ta' Bologna.

Bħala mistika Franġiskana Caterina hi dixxiplu fidil ta' Santa Klara u tirrifletti l-ispiritwalità ta' kontemplazzjoni ta' l-umanità ta' Kristu fil-misteri ta' l-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa. Inġibu hawnhekk silta qasira mill-kitbiet tagħha, li titkellem dwar il-valur kristoloġiku tas-sofferenza, fid-dawl tal-Passjoni ta' Kristu.

Fl-opra *Le Sette Armi Spirituali* Caterina tikteb din it-talba: "Mulej tiegħi Ġesù Kristu mill-aktar ħelu, għal dik l-imħabba bla tarf u li ma titfissirx, li biha inti tgħabbejt bis-

[36] S. COLETTE DA CORBIE, *Testamento*, 17, in *Mistici Francescani. Secolo XV,* Vol. III, Editrici Francescane, Milano 1999, 734.

sabar kollu meta ħallejthom jorbtuk għat-turment krudili tal-kolonna, u aċċettajt is-swat aħrax u bla ħniena ta' l-għedewwa tiegħek għas-salvazzjoni tiegħi, nitolbok li tagħtini tant qawwa li, permezz tal-grazzja tiegħek, jiena nkun nista' nirbaħ fuq l-għedewwa tiegħi u bis-sabar kollu nissapporti din il-ġlieda u kull battalja oħra li huma jiġġielduli."[37]

## Matteo da Agrigento

Dan ir-riformatur kbir Franġiskan, li permezz tiegħu daħlet ir-riforma Osservanti fi Sqallija u Malta, twieled f'Agrigento fi tmiem is-seklu 14, u daħal Franġiskan fil-provinċja ta' Sqallija. Bħala mgħallem tiegħu kellu lil San Bernardin minn Siena, li organizza sewwa l-Osservanza Regolari fl-Italja. Fl-1442, bl-intervent ta' Alfonso V, Matteo ġie maħtur isqof ta' Agrigento, u ġie ikkonsagrat is-sena ta' wara. Imma minħabba diversi diffikultajiet li sab fid-djoċesi, kellu jirreżenja mill-uffiċċju tiegħu fl-1445, u irtira f'kunvent ta' Palermo, fejn miet fis-7 ta' Jannar 1450. Indifen fil-knisja ta' Santa Maria di Gesù ta' Palermo, li kien waqqafha hu stess. Bħall-qaddisin kbar ta' l-Osservanza Franġiskana, Matteo xerred id-devozzjoni lejn l-Isem Imqaddes ta' Ġesù. Fl-1767 il-Papa Klement XIII irrikonoxxielu l-kult *ab immemorabili tempore* bħala beatu. Fil-Martiroloġju Franġiskan hu mfakkar fis-7 ta' Jannar.

Mit-33 kitbiet ta' Matteo da Agrigento, tlieta għandhom x'jaqsmu direttament mal-Passjoni, u preċiżament: *De Cruce; De Passione Christi: 18 utilitates; Sermo Passionis Domini Nostri Jesu Christi in die Veneri Sancti.* Din ta' l-aħħar hi priedka twila u elaborata ta' 43 paġna (kodiċi tal-Biblioteca nazionale di Napoli), li l-awtur tagħha hu Matteo da Agrigento, imsejjaħ "specchio dei predicatori". X'aktarx li kienet priedka li kienet tintuża nhar il-Ġimgħa l-Kbira, meta wara nofs in-nhar kienet issir il-priedka famuża "tat-tliet sigħat", popolari ħafna fl-irħula ta' Sqallija, u anke f'Malta qabel ir-riforma liturġika tal-Konċilju Vatikan II. Fiha l-predikatur (kwareżimalista) kien jagħmel diskors twil dwar il-Passjoni ta' Kristu, li fih kien jiddeskrivi s-sofferenzi kollha li għadda minnhom Ġesù. Il-priedka kienet tinqasam f'diversi mumenti, li bejniethom kienu jsiru interludji ta' kant tal-Passjoni.[38]

## Francisco de Osuna

Francisco de Osuna (c.1492 – c.1540) hu wieħed mill-mistiċi Franġiskani Spanjoli ta' żmien ir-riforma u l-kontroriforma. Twieled fir-reġjun ta' Siviglia, f'mument storiku fl-istorja ta' Spanja u ta' l-umanità. Fl-1492 Cristoforo Colombo wasal fid-dinja l-ġdida 'l hemm mill-oċean. Kien żmien li fuq it-tron ta' Spanja kien hemm ir-"reali cattolicissimi", kif sejħilhom il-Papa Alessandru VI fl-1494, jiġifieri Ferdinando u Isabella. Kien fl-1492 li l-Kardinal Jiménez de Cisneros, Franġiskan u konfessur tar-reġina, keċċa lil-Lhud minn Spanja. Dan il-mexxej tar-riforma Franġiskana Osservanti fi Spanja uża metodi li llum ċertament ma napprovawhomx, imma baqa' magħruf għall-ħidma tiegħu bħala Inkwiżitur Ġenerali u Arċisqof ta' Toledo (mill-1507) u għax waqqaf, fl-1508, l-Università ta' Alcalá. Kien is-seklu 16 il-mument li fih daħlet fi Spanja t-tendenza ta' spiritwalità interjorizzata bil-grupp ta' *alumbrados*

[37] CATERINA VIGRI DA BOLOGNA, *Le Sette Armi Spirituali*, XV, in *Mistici Francescani*, III, 131.
[38] MATTEO DA AGRIGENTO, *Sermo Passionis D.N.J.C.*, in *Mistici Francescani*, III, 759-760.

li kienu jiddefendu d-*dejamento* (abbandun) u l-grupp ta' Franġiskani tar-riforma li kienu pjuttost favur ir-*recogimiento* (rikollezzjoni).

Is-seklu 16 jibqa' s-seklu tal-mistiċiżmu glorjuż ta' Spanja, li ra l-qaddisin famużi tal-kristjanità Spanjola Tereża t'Avila u Ġwann tas-Salib, riformaturi tal-familja Karmelitana. Francisco hu magħruf bħala "de Osuna" mill-isem tar-raħal li fih twieled, qrib Siviglia u Cordoba, lejn is-sena 1492. Nafu li kien preżenti fir-rebħa tal-qawwiet insara fi Tripli fl-1510 u li f'xi żmien bejn l-1510 u l-1513 mar iżur is-santwarju ta' Santiago de Compostella. Fl-istess żmien żviluppa l-vokazzjoni li jidħol Franġiskan, u daħal mal-Patrijiet Minuri ta' l-Osservanza Regolari. Beda studji umanistiċi fl-1514 u kompla jistudja teoloġija f'Alcalá, fejn ġie ordnat saċerdot fl-1519-1520. Kien iż-żmien tal-qasma ta' l-Ordni Franġiskan (1517) fil-familja riformata (Osservanti) u mhux riformata (Konventwali) bil-ħidma tal-Papa Ljun X. Fl-1523 Osuna mar joqgħod f'eremitaġġ tal-provinċja ta' Castiglia, dik ta' Salceda, ħdejn Guadalajara. Hemmhekk qatta' ħinu jimmedita l-umanità u l-passjoni ta' Kristu.

Osuna baqa' famuż għax ipproduċa sensiela ta' "Alfabeti Spiritwali", li huma massimi li jiggwidaw fir-rikollezzjoni (ġabra) spiritwali. Hawnhekk se nqisu l-elementi dwar it-tbatijiet ta' Kristu li jinsabu miġburin fit-*Tielet Alfabet Spiritwali* li hu kiteb fl-1527, u li ġie pubblikat f'Toledo.[39]

Bejn l-1527 u l-1532 Osuna kien attiv fil-predikazzjoni u fil-kitba, u x'aktarx kien jgħix f'Siviglia. Fl-1531 ġie maħtur Kummissarju Ġenerali ta' l-Indies, imma qatt ma mar fid-dinja l-ġdida. Is-sena ta' wara kien Toulouse, fejn ippubblika l-priedi tiegħu, intitolati *Sanctuarium Biblicum*, u kompla jivvjaġġa f'Lyon, Pariġi u Antwerp, fejn ippubblika kummentarju fuq l-Evanġelju ta' San Luqa. Akkumpanja lill-Kardinal Quiñones f'Ruma u fl-1537 insibuh mill-ġdid f'Castiglia, fejn kompla jikteb il-ħames u s-sitt *Alfabet Spiritwali*. Miet qrib is-sena 1540-1541 f'post mhux magħruf. Bħala awtur juri sensibilità għal kollox Franġiskana lejn l-umanità ta' Kristu, u xebħ mal-kittieba u dutturi mistiċi kbar Karmelitani Tereża t'Avila u Ġwann tas-Salib.

Fit-trattat 17 tat-*Tielet Alfabet Spiritwali* Francisco de Osuna jitkellem dwar it-tbatijiet ta' Kristu u dwar kif in-nisrani jrid jimxi wara Kristu fit-triq tas-salib. Inġibu hawnhekk xi siltiet li jitkellmu b'mod ċar dwar Kristu li jsofri u li jistedinna nimxu warajh fit-triq tas-salib:
"Dak li l-mexxej tiegħu hu Kristu jimxi bil-fiduċja, għaliex Kristu niżel mis-sema biex jurina t-triq u jeħodna miegħu [...] Hu sofra bil-qalb kollha x-xewk li weġġgħuh u mlewh bil-ġrieħi, xewk li tant kienu kotrana li rasu kollha ġiet imtaqqba bihom [...] Aħna naraw lil Kristu jġorr it-tronku tas-salib, u hu jgħidilna biex nerfgħu aħna wkoll is-slaleb ħorox tagħna u nixmu warajh sal-mewt. Għaliex hu jgħidilna li ma jkunx jistħoqqilna li jkollna lilu bħala Mulej jekk aħna ma nagħmlux dan.

[39] FRANCISCO DE OSUNA, *The Third Spiritual Alfabet*, translation and introduction by M.E. Giles, preface by K. Kavanaugh, The Classics of Western Spirituality, Paulist Press, New York 1981.

[He whose guide is Christ travels confidently, for Christ descended from heaven for no other reason than to show us the road and take us with him ... He willingly suffered the thorns that wounded and injured him, thorns so numerous that his entire head was filled with them ... We see Christ bearing the great bough of the cross, and he tells us also to take up our rough crosses and follow him unto death. He says we will not be worthy to have him for our Lord unless we do this].

Il-meditazzjoni ta' Kristu mejjet fuq is-salib, b'rasu mdendla fuq sidru, kif tidher b'mod tant ċar f'Kurċifissi ta' l-era barokka, tfakkarna f'dawn il-kliem ta' Osuna: "Fuq is-salib, Kristu baxxa rasu u radd l-Ispirtu tiegħu lill-Missier tas-sema."[40] [On the cross Christ lowered his head to send the Spirit to his heavenly Father] Lil dawk li jridu jimitaw lil Kristu Osuna jitlobhom biex "japplikaw ruħhom aktar minn qatt qabel lejn dak li jidher minn barra fil-passjoni mqaddsa u t-tbatijiet (ta' Kristu) u jikkonformaw ruħhom magħhom kemm jistgħu."[42][Having ceased to follow the holy passion in meditation, such people now should follow it in fact, applying themselves more than before to the exterior of the sacred passion by suffering in its honor all the evil that might beset them and conforming to it as best they can].

It-teoloġija mistika ta' Francisco de Osuna għandha importanza għat-tema tagħna, l-aktar għaliex mis-seklu 16 nibdew nassistu għal drammatizzazzjoni dejjem akbar fir-rappreżentazzjonijiet ikonografiċi tal-passjoni u s-salib ta' Kristu, sa ma naslu għall-epoka tal-barokk fis-seklu 17, li timmarka definitivament b'insistenza fuq it-tbatijiet esterjuri tal-ġisem miġruħ ta' Kristu msallab ir-rappreżentazzjonijiet ta' pittura u skultura tal-Kurċifiss.

**Konklużjoni**

Din kienet biss ħarsa fuq fuq lejn persunaġġi Franġiskani li kitbu jew immeditaw il-misteru tal-Passjoni ta' Kristu, l-aktar dwar dak li għandu x'jaqsam mat-tbatijiet fiżiċi li Ġesù għadda minnhom waqt il-Passjoni. L-iskop tagħna kien sempliċement dak li nagħtu idea ħafifa lejn ir-rikkezza ta' kontenuti spiritwali u mistiċi li l-familja Franġiskana ipproduċiet matul is-sekli, dejjem b'kontinwità u fedeltà lejn l-ispiritwalità ta' San Franġisk, li hi kollha ċentrata fuq l-umanità tal-Mulej Ġesù.

Il-Franġiskani, irġiel u nisa, patrijiet, sorijiet u penitenti, ma waqfux biss fuq il-pjan purament spiritwali jew mistiku, imma xi mindaqqiet esprimew din id-devozzjoni fuq il-pjan artistiku u devozzjonali. Għax il-Franġiskani kienu dejjem sensibbli għas-sentiment tal-poplu. Óafna mid-devozzjonijiet popolari li aħna għadna mdorrijin bihom sallum, u li huma tant għeżież għalina fil-ġranet tal-Passjoni, huma kollha "invenzjoni" tal-Franġiskani.

Mill-Art Imqaddsa, fejn il-Franġiskani għexu l-misteri tal-ħajja ta' Kristu fl-istess postijiet li fihom seħħu, huma ġabu fl-Ewropa u mbagħad xerrdu mad-dinja devozzjonijiet marbutin mal-mumenti ewlenin tal-Passjoni. Nistgħu nsemmu, bħala l-aktar devozzjoni magħrufa, il-*Via Crucis*, li għalkemm fil-forma li biha nafuha llum

[40] FRANCISCO DE OSUNA, *The Third Spiritual Alfabet,* 391.

ġiet popolarizzata mill-qaddis Franġiskan San Leonardu minn Porto Maurizio (1676-1751), fil-fatt taf il-bidu tagħha minn żminijiet aktar bikrija. Dan għaliex il-Franġiskani f'Ġerusalemm kienu ta' spiss jieqfu jimmeditaw fuq id-diversi postijiet imqaddsin bil-preżenza u t-tbatija ta' Kristu waqt il-mixja tiegħu bis-salib minn Pilatu sal-Kalvarju. L-istazzjonijiet tal-*Via Crucis* fil-forma klassika tagħhom huma, fil-fatt, frott tat-tradizzjoni tal-Knisja lokali ta' Ġerusalemm.

Fuq il-Kalvarju l-Franġiskani dejjem qiemu n-niket u d-dulur tal-Verġni Marija taħt is-salib. Id-devozzjoni qawwija lejn Marija Addolorata waslet f'pajjiżna bil-ħidma tal-Franġiskani mill-Art Imqaddsa, u mhux ta' b'xejn li l-ewwel knisja li fiha żviluppat din id-devozzjoni popolari kienet il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, fil-Belt Valletta.

Hu f'din il-knisja li hu meqjum il-Kurċifiss mirakoluż, attribwit lil Frate Innocenzo da Petralia Soprana, mistiku u artist Franġiskan tas-seklu 17. U issa sirna nafu wkoll li l-istatwa ta' l-"Ecce Homo", li tagħmel parti mill-grupp ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira li joħorġu mill-istess knisja, hi opra ta' Franġiskan ieħor artist kontemporanju, Frate Umile da Petralia Soprana. Meta wieħed iħares lejn dawn l-opri skultorji hekk drammatiċi tal-barokk tas-seklu 17, wieħed ma jistax ma jaqrax fihom il-kontenuti ta' spiritwalità u mistika li rajna fl-opri ta' Franġiskani qaddisin li għexu fis-sekli ta' qabel. U forsi wieħed jista' jistħajjel li dan il-fil ta' mħabba u *pathos* lejn Kristu minxur bejn sema u art, b'rasu mtaqqba bix-xewk, mimli tbenġil u demm inixxi mill-ġrieħi tiegħu, hu parti minn għajn li titlaq mill-istess xbieha ta' Kristu msallab imnaqqxa fuq il-ġisem fqajjar ta' San Franġisk stimmatizzat fuq La Verna fl-1224. It-*theologia crucis* Franġiskana għandha l-iskop li tqanqal għat-talb u tislet id-dmugħ. Il-poplu li bi ħġaru jixteħet quddiem opri ta' arti bi skop mistiku-spiritwali hu xhud ta' kemm it-teoloġija ma tinkitibx biss fil-kotba, imma fuq il-qlub u l-ħarsa ta' fidi msammra fuq Dak li fil-*liber crucis*, fil-ktieb tas-salib, tenna *verbum abbreviatum*, kelma mqassra, il-kelma definittiva ta' l-imħabba li ssalva.